Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 28 ta' Ottubru 2022**
**(OR. en)**

**13575/22**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0227(COD)**

**CODEC 1525**
**COH 101**
**NDICI 17**
**RELEX 1345**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | ABBOZZ TA' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-programmi ta' kooperazzjoni tal-2014 sal-2020 appoġġati mill-Istrument Ewropew ta' Viċinat u fl-ambitu tal-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea, wara tfixkil fl-implimentazzjoni tal-programm **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fit-22 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikoli 178, 209(1) u 212(2) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-27 ta' Ottubru 2022[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.

4. Fl-20 ta' Ottubru 2022, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet dwar l-aċċettazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[3].

[1] 11582/22.
[2] Għadha mhijiex ippubblikata fil-ĠU.
[3] 13471/22.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE- CONS 52/22, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

   Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.